MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Numru 346/2004

Il-Pulizija
(Sp Louise Calleja)
vs
Joseph Camilleri, iben Carmelo,
imwieled Pieta' fit-12 ta' lulju, 1953

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fit-22 ta' ottubru, 2003, fil-Ħamrun –
1. ikkometta attentat vjolenti għall-pudur, fuq il-persuna ta' Omissis;
2. bħala prinċipal ta fastidju sesswalment lill-impjegata Omissis billi ssoġġettha għal att ta' intimita' fiżika u issoġġettha għal xi atti u\jew kondotta b'konnotazzjonijiet sesswali, li jinkludu kliem bil-fomm u ġesti, liema att, talba jew kondotta ma kienux mixtieqa mill-vittma u jistgħu raġonevolment jitqiesu bħala offensivi, umiljanti u intimidatorji;

3. bħala prinċipal ta fastidju lill-istess impjegata Omissis billi ssoġġettha għal att u kondotta mhux miextiqa bi kliem bil-fomm u ġesti li huma bbażati fuq diskriminazzjoni sesswali u li jistgħu raġonevolment jitqiesu bħala offensivi, umiljanti u intimidatorji;
4. kiser il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-14 ta' novembru, 2002.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti ma hemm ebda dubju li l-akkużi kollha mressqa mill-prosekuzzjoni fil-konfront ta' l-imputat ġew pruvati.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 29 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Minħabba l-fatt li ll-imputat ikkopera mal-pulizija u l-inċident kien wieħed minimu ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------